200 sena mit-Twelid ta' MONS. MIKIEL FRANĠISK BUTTIGIEG L-EWWEL ISQOF T'GĦAWDEX



# L-ISQOF MIKIEL FRANGISK BUTTIGIEG
# *TFULIJA U ŻOGĦŻIJA,*
# TIFEL - STUDENT - SAĊERDOT

*Mons Ġużeppi Buttigieg*



Mikiel Frangisk Buttigieg huwa wild il-Qala għax ra għall-ewwel darba d-dawl tal-ħajja minn ġenituri Qalin, f'dar li tinsab f'dan ir-raħal li qiegħda f'kantuniera ma' żewġ toroq li darba kienu jġibu l-isem ta' Triq l-Imġarr u Triq Ħondoq ir-Rummien. Illum l-ismijiet tat-tnejn tbiddlu u huma Triq 28 ta' April 1688, kantuniera ma' dik li llum saret pjazza u hija proprju msemmija għal din il-persuna għolja, l-Isqof Mikiel Frangisk Buttigieg.

Missieru Ġużeppi u ommu Marija ħasbu malajr għall-magħmudija ta' din it-tarbija li saret fl-istess jum tat-twelid fil-Knisja tan-Nadur mill-Kappillan Dun Frangisk Sapiano.

Huwa għadda l-ewwel snin ta' tfulitu fil-kwiet tar-raħal tal-Qala taħt il-ħarsien ta' ommu u missieru. Huwa kien jitħallat mat-tfal tar-raħal u magħhom min jaf kemm għadda ħin jilgħab fil-pjazzetta ta' quddiem dar missieru għad-dell tas-salib tal-ġebel li kien u għadu jfakkar l-ewwel bini tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni.

Għalkemm it-tfajjel Mikiel għadda l-ewwel snin ta' ħajtu fil-ħemda tar-raħal tal-Qala ma jistax ikun li ma rax ukoll xi ftit mit-taqlib, li kif tixhed l-istorja, il-gżejjer ta' Malta u Għawdex għaddew minnhom f'dawk iż-żminijiet. Għalkemm maħkum fi tfulitu minn tempesta hekk qawwija, Mikiel ma naqasx li juri li hu tfajjel imżejjen b'talenti sbieħ u għoljin, intelliġenza u memorja. Ommu u missieru li kienu jgħassu fuqu, immexxijin mill-Id Providenzjali t'Alla, intebħu b'dawn il-kwalitajiet straordinarji ta' binhom; meta beda juri nteress kbir fit-tagħlim tad-duttrina li kien jirċievi f'daru u mkinijiet oħra. Imnebbaħ dejjem minn dawn il-prinċipji ta' tagħlim nisrani wera wkoll rieda qawwija li jimxi fi triqet il-Mulej. Il-ġenituri tiegħu għalkemm nies tar-raħal u mingħajr skola b'rieda tal-azzar raw kif għamlu biex żviluppaw ix-xeħtiet tajba ta' binhom.

Kien għadu ta' disa' snin, meta nfired minn ommu u missieru li bir-rieda u t-tmexxija tagħhom huwa ħalla r-raħal tal-Qala u mar joqgħod ma' zijuh, ħu missieru, fil-Belt Valletta. Huwa qatt ma nesa t-trawwim tajjeb u t-trobbija soda li tawh il-ġenituri. F'din il-Belt megħjun b'tagħlim privat u inizjat fil-ħidma tal-Knisja bħala abbati baqa' miexi 'l quddiem pass wara l-ieħor sakemm wasal fil-quċċata tal-Knisja Għawdxija bil-ħatra tiegħu bħala Isqof. Kellu sittax-il sena meta bid-dħul tiegħu fis-seminarju ta' Malta beda mixjietu lejn is-Saċerdozju u l-milja tiegħu. Fl-Università ta' Malta, huwa attenda l-Kors tat-Teoloġija. Bħal ma ġara mill-ġenituri tiegħu, hekk ukoll is-superjuri tiegħu f'dawn l-istituti edukattivi li semmejna ntebħu bit-talenti kbar tiegħu: intelliġenza, memorja, bżulija, rieda sħiħa li jimxi 'l quddiem, assidwita fl-attendenza għat-tagħlim u bixra ta' mħabba lejn l-istudju.

Issa Mikiel minn tifel kien sar żagħżugħ, kien tgħallem ħafna prinċipji ġodda, beda josserva l-kurrenti ta' żmienu, iżda mibni bħal fuq iż-żonqor, fuq il-prinċipji nsara f'dar missieru fil-Qala qatt ma mejjel rasu taħt il-qawwa ta' ebda kurrent kuntrarju. Id-dawl tat-tagħlim tal-Filosofija, Teoloġija u xjenzi oħra, serva biex kabbar id-dija ta' mħabba nisranija u sempliċità tal-moħħ li kellu qabel ma telaq lejn Malta, prinċipji nsara li kien xettel fil-Qala. Hekk huwa mexa tant tajjeb fis-sejħa li tah il-Mulej, u mexa fit-triq minnu mfassla għalih sakemm laħaq l-għan tiegħu u wettaq ix-xewqa tal-ġenituri tiegħu u sar qassis, meta fl-1816 l-Arcisqof Ferdinandu Mattei ordnah Saċerdot.

Ordnat Saċerdot, Dun Mikiel ma ġiex lura fir-raħal tal-Qala, iżda baqa' Malta fejn beda jaħdem fi tlett oqsma. L-ewwel wieħed kien dak ta' konfessur fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. It-taħbit ta' tant nies minn pajjiżi oħra jaslu f'din il-Belt, mogħnija b'port miftuħ għal kulħadd f'nofs il-Mediterran, nies li kienu minn dejjem jitħalltu mal-Maltin u jinfluwenzawhom bl-ideat u t-twemmin tagħhom kienu dejjem jagħmlu x-xogħol ta' konfessur aktar delikat u bi ħtieġa ta' dawl mis-sema. Iżda Dun Mikiel żvolġa dan id-dmir bl-akbar reqqa u wera ruħu ta veru għalliem, tabib tar-ruħ, u mexxej spiritwali. Huwa dejjem ipprova jħabbeb mal-Mulej lil dawk li dinbu, fil-waqt li qatt ma qata' qalbu quddiem kull tbatija u sagrifiċċju li joffri dan il-ministeru.

Ħidma oħra li ngħatatlu malli laħaq Saċerdot kienet dik ta' kappillam tal-Kor fil-Konkatidral ta' San Ġwann. F'dan il-qasam ħadem bla heda. Barra

200 sena mit-Twelid ta' MONS. MIKIEL FRANGISK BUTTIGIEG L-EWWEL ISQOF T'GĦAWDEX



mill-obbligi li din l-għażla kienet titlob minnha nfisha, għażel ukoll minn jeddu, li jieħu kura tal-abbatini fl-istess Konkatidral. Mexxihom tajjeb fil-qadi tagħhom fil-kor u fil-knisja. Fil-ħin liberu tagħhom kien jiġborhom, jieħu ħsieb iqararhom u jagħtihom tagħlim sod tar-reliġjon nisranija. Kien idarrihom fi spirtu ta' qdusija li kien trabba fih fi tfulitu u jitqarbnu kemm jista' jkun spiss, speċjalment fl-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar. Għedt kemm jista' jkun ta' spiss, għax kien għadu ma wasalx dak iż-żmien, meta l-Papa Piju X, il-Papa tal-Ewkaristija, daħħal id-drawwa fil-knisja kollha tat-tqarbin ta' spiss u jekk jista' jkun kuljum. Din il-ħidma tiegħu tat ukoll il-frott xieraq u mistenni .
Lil Dun Mikiel fl-istess żmien ukoll għamluh Assistent tal-Mewt it-tajba mal-qassisin ta' San Ġakbu. Għalkemm saċerdot żagħżugħ, huwa daħal għal din il-ħidma b'żelu, kuraġġ u għaqal u żgur b'dedikazzjoni sħiħa. Għadda sitt snin f'dan ix-xogħol, bħal fl-oħrajn, u min jaf kemm siegħat twal għadda lejl u nhar ħdejn is-sodda tal-moribondi, ifarraġhom, ifissrilhom l-imħabba ta' Kristu lejhom u jaqsam ma' qrabathom id-dieqa li jġibu dawk is-siegħat tal-agunija.
Is-superjuri tiegħu ħarġu sodisfatti bil-mod kif wettaq il-ħidmiet li afdawlu u ma naqsux li jagħtuh it-tifħir xieraq. Dan qatt ma għamel bih u dejjem baqa' jikber fl-ispirtu ta' umiltà, imnissla fih fi ċkunitu, umiltà li hija l-kwalità tal-erwieħ qaddisa, li ġarr miegħu sa tmiem ħajtu.
Kienu għaddew sitt snin mill-ordinazzjoni tiegħu meta Dun Mikiel ħalla lil Malta u reġa' lura lejn Għawdex f'raħal twelidu, il-Qala, fejn kompla jaħdem bħala saċerdot żelanti fil-ħidma afdata lilu ta' viċendarju fis-santwarju tal-Kunċizzjoni. Hawn id-dedikazzjoni tal-ħidma saċerdotali tiegħu kibret, għax f'raħal twelidu, tant in-nies ta' raħlu kemm il-pellegrini li kienu jigu, kienu mogħtija ħafna għall-ħajja reliġjuża minħabba l-ambjent kwiet u anqas kontaminat minn dak ta' Malta li fih kienu jgħixu fil-Gżira Għawdxija. F'dan is-Santwarju nazzjonali li fih kienu jiġu tant devoti tal-Madonna barranin, huwa seta' jagħti daqqa t'id mhux biss fil-ħarsien tal-knisja iżda aktar filli jkabbar il qdusija tal-insara. Il-mument tal-Quddiesa kien tant għal qalbu, u mbagħad erħilu jamministra s-sagramenti b'mod partikolari l-Qrar li għalih kien imfittex mhux biss mill-Qalin iżda wkoll mill-barranin.
Ma jistax jonqos li huwa kellu wisq għal qalbu d-devozzjoni lejn it-Tnissil bla Tebgħa tal-Immakulata Omm Alla. Għalhekk kienet ħaġa wisq għal qalbu li jieħu ħsieb is-Santwarju ddedikat lill-Kunċiżjoni, fi żmien meta d-dinja kollha nisranija kienet qed tixxennaq u tistenna l-proklamazzjoni tad-Domma tal-Immakulat Konċepiment ta' Marija. Kien diġa Arċipriet tal-Matrici meta ra din il-ħolma titwettaq u bħala tali assista għall-festi li saru fis-Santwarju f'din l-okkażjoni hekk kbira fis-sena 1854. Hawn huwa ħeġġeġ u kabbar fih u fil-fidili d-devozzjoni lejn il-Madonna, speċjalment bir-reċita tar-Rużarju u t-talb. Qaddisin protteturi oħra ma naqsux li jaraw u jħossu d-devozzjoni tiegħu. Ir-rabta tiegĦu mal-Madonna kellha ttul sa tmiem ħajtu, għalkemm fis-sena 1823 hu ħalla s-Santwarju biex jgħaddi għal ħatriet oħra għoljin li kellhom jinkurunaw lil ħajtu, fil-waqt li l-ispirtu ta umiltà baqa' jikber fih, aktar ma jogħla fid-dmirijiet tiegħu. Kif bdejt bit-twelid tiegħu fil-Qala hekk intemm id-diskors tiegħi bit-temma ta' ħidmietu bħala Viċendarju tas-Santwarju Nazzjonali tal-Kuncizzjoni tal-Qala. Iż-żmien li huwa għadda bħala sacerdot, sakemm ħa ħatra oħra. ■

# L-ISQOF MIKIEL FRANGISK BUTTIGIEG
# KAPPILLAN U ARĊIPRIET

*Arc. Carmelo Refalo*

Żewġ elementi prinċipali li jispikkaw fil-ħajja ta' Dun Mikiel Buttiġieġ bħala Ragħaj Spiritwali kienu l-ministeru tar-Rikonċiljazzjoni u l-ministeru tal-Kelma jew aħjar il-predikazzjoni.
F'ta' l-ewwel jibqa' magħruf għall-għaqal u l-prudenza li bħala konfessur kien juża mall-penitenti tant li ħafna nies minn Għawdex kollu kienu jmorru għandu l-aktar fi żmien ir-Randan u l-Avvent.
F'tat-tieni, jibqa' magħruf għax, minkejja li kien għamel studji Universitarji, meta kien ikellem lin-nies ma kienx jinħela f'diskorsi għoljin, imma biżżejjed biex tintebah bl-gherf li bih kien imżejjen. Il-priedki tiegħu kien jifhimhom kulħadd u l-għan tagħhom kien li jwassal l-erwieħ għand Kristu.
Il-ħidma ta' Dun Mikiel bħala saċerdot kienet magħrufa sa mill-ewwel snin li fihom wettaqha, partikularment fiż-żmien qasir li għamel bħala Viċendarju tas-Santwarju tant għażiż iddedikat lill-Immakulata Madonna tal-



200 sena mit-Twelid ta'
MONS. MIKIEL FRANGISK BUTTIGIEG
L-EWWEL ISQOF T'GĦAWDEX



# L-ISQOF MIKIEL FRANGISK BUTTIGIEG

# TIFKIRA – 200 SENA MINN TWELIDU



**3 ta' Novembru '93** - *Noel Buttigieg jixgħel il-fjakkola quddiem il-monument ta' l-Isqof Buttigieg fil-ftuħ tal-Festi Bi-Centinarji mit-Twelid tiegħu*



**3 ta' Novembru '93** - *Saċerdoti tal--Parroċċa tagħna fuq il-qabar ta' Mons. M.F. Buttigieg li jinsab fil-Knisja Katidrali.*



**3 ta' Novembru '93** - *L-Għaqdiet kollha tal-Parroċċa miġbura quddiem id-dar fil-Qala fejn twieled Mons. M. F. Buttigieg wara li mxew f'korteo mill-Pjazza.*



**5 ta' Novembru '93** - *Il-Kor "Sine Macula" ta' Ħal Safi waqt l-Akkademja li nżammet għal okkażjoni.*





Mons Isqof Nikol G. Cauchi ħa sehem attiv f'dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet.

*(Xellug)*Ipoġġi kuruna quddiem id-dar fejn twieled l-ewwel Isqof t'Għawdex.

*(Ċentru)* Waqt Pontifikal Solenni fil-Parroċċa tagħna.

*(Lemin)* Waqt id-diskors tiegħu fl-Akkademja.

